StudentBounty.com

## A) *Ikteb Veru jew Falz. (20 marka)*

**Veru jew Falz**

**Eż:** Ġesu' twieled ġo għar fqir ġewwa Betlem. Veru

1. Il-Kmandamenti li Alla ta lil Mose' kienu 9. ___________
2. Il-poplu Lhudi kellu jiekol ħaruf u bid-demm tiegħu jċappas il-ġenb tal-bieb. ___________
3. Omm Mosé poġġietu ġo qoffa tal-qasab u telqitu fix-xmara biex jegħreq. ___________
4. Il-poplu Lhudi qasam il-Baħar tal-Qasab biex jaħrab mill-Fargħun. ___________
5. Fl-antik Testment Alla kellimna permezz tal-profeti. ___________
6. Alla bagħat il-kastigi fuq l-Eġizzjani meta l-Fargħun ma riedx iħalli l-Lhud joħorġu. ___________
7. Profeti kienu nies magħżula minn Alla biex iwasslu l-kelma tiegħu. ___________
8. Alla kellem lil Mosé ġo dar taqbad. ___________
9. Mose' trabba fil-palazz tal-Fargħun. ___________
10. Alla għażel lil Mosé sabiex joħroġ lil-Lhud mill-jasar tal-Eġittu. ___________





www.StudentBounty.com

## *B) Agħmel sing taħt it-tweġiba t-tajba.*  *(10 marki)*

Eż: Ġesu' tgħammed fix-xmara (Nil, Ġordan, Po, Thames).

1. Il-kbarat tal-poplu Lhudi qalu lil David: "Kif qal il-Mulej, int tkun il-mexxej (tad-dinja kollha, tal-poplu kollu, tal-familja tiegħek, tal-Maltin)".
2. Sawl qal lil David: "Għażiż David, int raġel tajjeb, ħafna aktar minni. Jien għamiltlek id-deni u inti (pattejthieli, ma tajtx kas, għamiltli l-ġid, ħrabtli)".
3. Il-ġrajja ta' Mose' nsibuha (fil-Ġdid Testment, fil-Ktieb tal-Malti, fl-Antik Testment, fil-Vanġelu).
4. Ir-Re Sawl kien (jitlob, iħenn, jgħir, jixtri) għal David.
5. Isaija qal lil Alla: "Xofftejja mhumiex indaf, jien midneb u ngħix qalb in-nies li jagħmlu (n-negozju, l-ġid, l-ħmerijiet, d-dnubiet)".

□□□□□□□□□□□□

## *Ċ. Min Jien? Ara l-eżempju.*  *(20 marka)*

***Eż:*** Qtilt lill-ġgant Gulija biċ-ċagħka u l-iżbandola. David

1. Jien kont mastrudaxxa u l-għarus ta' Marija. ____________
2. Jien il-mara ta' Mose'. ____________
3. Jien għammidt lil Ġesu' fix-xmara Ġordan. ____________
4. Jien omm Ġwanni l-Battista. ____________
5. Qabel sirt sultan kont ragħaj. ____________
6. Jien omm u xebba, permezz tiegħi l-Iben t'Alla sar bniedem. ____________
7. Il-Mulej urieni wied kbir mimli għadam niexef qoxqox. ____________
8. Ħabbart it-twelid ta' Ġesu' lil Marija. ____________
9. Ħriġt lil-Lhud mill-Eġittu fejn kienu lsiera. ____________
10. Jien rajt lil Alla bil-qiegħda fuq tron jien u dieħel fit-tempju. ____________



www.StudentBounty.com

## *D. Imla' l-vojt b'dan il-kliem. (20 marka)*



| | | | | |
|---|---|---|---|---|
| **Salmi** | **~~Betlem~~** | **ragħaj** | **l-arpa** | **sebat** |
| **iż-żgħir** | **nagħsu** | **l-iżbandola** | **poeżiji** | **ġebla** |
| **ġgant** | **l-Ispirtu s-Santu** | | | |

1. David u l-familja tiegħu kienu joqogħdu Betlem.
2. David kellu ____________________ aħwa u hu kien ____________________.
3. Qabel sar sultan, David kien ____________________.
4. Minn mindu kien żgħir, David kien jaf idoqq ____________________.
5. Fil-fatt kiteb ħafna ____________________.
6. Salmi huma ____________________ lil Alla, miktubin bl-għajnuna ta' ____________________.
7. David kien jaf juża ____________________ biex jiddefendi n-nagħaġ tiegħu.
8. Darba David qatel lill-____________________ Gulija billi tefagħlu ____________________ u laqtu f'____________________.

---

| | | | | |
|---|---|---|---|---|
| **Samwel** | **Alla** | **Sawl** | **mantell** | **joqtol** |
| **s-sultan** | **maħfra** | **jgħir** | **dnub** | |

9. Is-Sultan li kien isaltan qabel David kien ____________________.
10. Sawl kien ipprova ____________________ lil David għax kien ____________________ għalih.
11. Waqt li Sawl kien rieqed, David ċarratlu biċċa mill-____________________ biex jurih li ma riedx joqtlu.
12. Il-profeta ____________________ dilek lil David biż-żejt biex juri li għażlu bħala ____________________ tal-Lhud.
13. Meta David għamel ____________________, Alla ħafirlu għax talab ____________________.
14. David kien sultan kbir għax kien jobdi lil ____________________.



www.StudentBounty.com

*E. Kompli kif taħseb l-aħjar. (10 marki)*



1. Marija saret omm Ġesu bis-saħħa

   ________________________________________.

2. L-Immakulata Kunċizzjoni hi l-festa tal-Madonna li twieldet

   ____________________________________.

3. L-anġlu Gabriel sellem lil Marija bil-kliem

   "______________________________________________________".

4. Kif rat lil Marija, Eliżabetta għajtet bil-ferħ u qaltilha:

   "______________________________________________________".

5. ____________________ hu x-xahar iddedikat lill-Madonna tar-Rużarju.

---



*F. Ikteb il-kmandament li jgħidlek hekk: (10 marki)*

***Eż:*** Temmen f'Alla biss: Ma jkollokx Alla ieħor għajri.

1. Ma tigdibx: ______________________________________________.
2. Tisma' l-quddies kull nhar ta' Ħadd:

   ______________________________________________.

3. Ma tiħux affarijiet li m'mhumiex tiegħek:______________________________.
4. Ma tidgħix: ______________________________________________.
5. Tirrispetta u tħobb lill-ġenituri:____________________________________.



www.StudentBounty.com

***Ġ. Qabbel ma' xulxin billi tpoġġi n-numri fil-kolonna tan-nofs. Waħda minnhom hija lesta. (5 marki)***

| | | | |
|---|---|---|---|
| 1 | Hu u dieħel fit-tempju Isaija ra | | u qallu "dnubietek maħfura". |
| 2 | Isaija beża' u qal | | Alla kien se jibgħat lil Ibnu. |
| 3 | L-anġlu mess ġamra ma' xofftejn Isaija | **1** | dehra t'Alla imdawwra bl-anġli. |
| 4 | Permezz ta' Isaija Alla ried iwissi lill-poplu | | li hu kien bniedem midneb. |
| 5 | Isaija ried jagħti l-aħbar tajba li | | kif jistennew lil Ġesu. |
| [illegible] | Isaija kien jgħallem lin-nies | | biex jinbidel. |

**G. <u>Ikteb talba lil Alla biex tirringrazzjah talli tana lil Marija.</u>**



**(5 marki)**



www.StudentBounty.com

Kulleġġ Santa Tereża

PARVA PARVORUM PULCHRA

**EŻAMIJIET TA' NOFS IS-SENA 2009 – 2010**

**SKEMA TA' MARKI**

**RELIĠJON – IL-ĦAMES SENA**

**A Veru jew Falz** ***(2 marki kull tweġiba tajba)***

1. Falz
2. Veru
3. Falz
4. Falz
5. Veru
6. Veru
7. Veru
8. Falz
9. Veru
10. Veru

**B Agħmel sing taħt it-tweġiba t-tajba.** ***(2 marki kull tweġiba tajba)***

1. tal-poplu kollu
2. għamiltli l-ġid
3. fl-Antik Testment
4. jgħir
5. d-dnubiet



www.StudentBounty.com

**Ċ Min jien?** ***(2 marki kull tweġiba tajba)***

1. Ġużeppi
2. Siffora
3. Ġwanni l-Battista
4. Eliżabetta
5. David
6. Marija
7. Eżekjel
8. Anġlu Gabriel
9. Mosé
10. Isaija

**D Imla l-vojt b'dan il-kliem.** ***(marka waħda kull tweġiba tajba)***

| | | | |
|---|---|---|---|
| 2. | seba' | iż-żgħir | |
| 3. | ragħaj | | |
| 4. | l-arpa | | |
| 5. | Salmi | | |
| 6. | poeżiji | l-Ispirtu s-Santu | |
| 7. | l-iżbandola | | |
| 8. | ġgant | ġebla | nagħsu |
| 9. | Sawl | | |
| 10. | joqtol | jgħir | |
| 11. | mantell | | |
| 12. | Samwel | s-sultan | |
| 13. | dnub | maħfra | |
| 14. | Alla | | |

**E Kompli kif taħseb l-aħjar.** ***(2 marki kull risposta tajba)***

1. Marija saret omm Ġesu bis-saħħa tal-Ispirtu s-Santu.
2. L-Immakulata Kunċizzjoni hi l-festa tal-Madonna li twieldet mingħajr dnub.
3. L-Anġlu Gabriel sellem lil Marija bil-kliem"Sliem għalik, mimlija bil-grazzja, il-Mulej miegħek."
4. Kif rat lil Marija, Eliżabetta għajtet bil-ferħ u qaltilha "Imbierka inti fost in-nisa u mbierek il-frott tal-ġuf tiegħek."



www.StudentBounty.com

5. Ottubru hu x-xahar iddedikat lill-Madonna tar-rużarju.

**F Ikteb il-Kmandament li jgħidlek hekk:** ***(2 marki kull risposta tajba)***

1. La tixhidx ħaġa b'oħra.
2. Ħares il-Ħdud u l-festi kmandati.
3. La tisraqx.
4. La ssemmix l-isem t'Alla fil-batal.
5. Agħti ġieħ lil missierek u 'l ommok.

**Ġ Qabbel ma' xulxin billi tpoġġi n-numri fil-kolonna tan-nofs.** ***(marka waħda kull risposta tajba)***

| | | | |
|---|---|---|---|
| 1. | Hu u dieħel fit-tempju Isaija ra | **3** | u qallu "Dnubietek maħfura." |
| 2. | Isaija beża' u qal | **5** | Alla kien se jibgħat lil Ibnu. |
| 3. | L-anġlu mess ġamra ma' xofftejn Isaija | **1** | dehra ta' Alla imdawwar bl-anġli. |
| 4. | Permezz ta' Isaija Alla ried iwissi lill-poplu | **2** | li hu kien bniedem midneb. |
| 5. | Isaija ried jagħti l-aħbar tajba li | **6** | kif jistennew lil Ġesu. |
| 6. | Isaija kien jgħallem lin-nies | **4** | biex jinbidel. |

**G Ikteb talba lil Alla biex tirringrazzjah talli tana lil Marija. (5 marki)**

Aqra' t-talba u agħti marka skont l-ewwel impressjoni li tħalli fuqek.

Eċċellenti *5marki*

Tajba ħafna *4 marki*

Tajba *3 marki*

Mhux ħażin *2 marki*



www.StudentBounty.com

Dgħajfa *marka waħda*

***P.S. Żbalji ortografiċi ma jiġux penalizzati.***



www.StudentBounty.com